Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

28 ta' April 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Regolament (UE) Nru 1305/2013 – Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-FAEŻR – Artikolu 30 – Pagamenti abbażi ta' Natura 2000 – Kamp ta' applikazzjoni – Talba għal għajnuna abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta li ma tagħmilx parti min-network Natura 2000, bil-għan li tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ – Regolament (UE) Nru 702/2014 – Eżenzjoni skont il-kategorija ta' ċerti għajnuniet għas-setturi agrikoli u forestali – Applikazzjoni għall-għajnuna kkofinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Unjoni Ewropea – Nuqqas ta' applikazzjoni għall-impriżi f'diffikultà"

Fil-Kawża C-251/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' April 2021, li waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura

**"Piltenes meži" SIA**

vs

**Lauku atbalsta dienests,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn J. Passer (Relatur), President tal-Awla, F. Biltgen u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Latvjan, minn K. Pommere u J. Davidoviča kif ukoll minn E. Bārdiņš, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Bottka, C. Hermes u A. Sauka, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU 2013, L 347, p. 487 u rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna, fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali, kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat [FUE] (ĠU 2014, L 193, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn "Piltenes meži" SIA u l-Lauku atbalsta dienests (Dipartiment għall-Għajnuna Rurali, il-Latvja) dwar deċiżjoni li permezz tagħha dan tal-aħħar irrifjuta li jagħtiha għajnuna intiża sabiex tikkumpensa l-ispejjeż u t-telf ta' dħul li jirriżulta mill-eżistenza, f'foresta proprjetà tagħha, ta' mikroriżerva maħluqa bl-għan li tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Id-Direttiva 92/43/KEE*

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

4 Din id-direttiva tipprovdi, fl-Artikolu 3(1) u (3) tagħha:

"1. Għandu jiġi stabbilit *network* ekoloġiku Ewropew koerenti ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni taħt l-isem ta' Natura 2000. Dan in-*network*, magħmul minn siti li jħaddnu fihom it-tipi ta' *habitat* naturali elenkati fl-Anness I u l-*habitat* ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness II, għandhom jippermettu li t-tipi ta' *habitat* naturali u l-*habitat* naturali ta' l-ispeċi konċernati jinżammu jew, fejn jixraq, jiġu ripristinati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

In-*network* Natura 2000 se jkun fiha ż-żoni ta' protezzjoni speċjali klassifikati mill-Istati Membri skond id-Direttiva 79/409/KEE [tal-Kunsill tal-Kunsill tat-2 ta' April 1979 Dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1 p. 98).

[...]

3. Meta jaraw li jkun hekk meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jippruvaw itejjbu l-koerenza ekoloġika ta' Natura 2000 billi jżommu, u fejn jixraq, jiżviluppaw, fatturi tal-paesaġġ li huma ta' importanza kbira għall-fawna u l-flora selvaġġa, kif imsemmi fl-Artikolu 10."

5 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43 jipprevedi:

“L-Istati Membri għandhom jippruvaw iħajru, fejn jaraw li hu meħtieġ, fil-politika ta’ l-ippjanar ta’ l-art tagħhom u fil-politika ta’ l-iżvilupp u, b’mod partikolari, biex itejbu l-koerenza ekoloġika tan-*network* Natura 2000, l-immaniġjar tal-karatteristiċi tal-paesaġġ li huma ta’ importanza kbira għall-fawna u l-flora selvaġġa.

Dawk il-karatteristiċi huma dawk li, minħabba l-istruttura lineari u kontinwa tagħhom (bħal xmajjar bil-firdiet tagħhom jew is-sistemi tradizzjonali biex jiddistingwu l-konfini bejn l-għelieqi) jew il-funzjoni tagħhom ta’ waqfiet ta’ kollegament bejn post u ieħor (bħal vaski jew boskijiet żgħar) huma essenzjali għall-migrazzjoni, tixrid u skambji ġenetiċi ta’ l-ispeċi selvaġġi.”

*Id-Direttiva 2009/147/KE*

6 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7), li ħassret u ssostitwixxiet id-Direttiva 79/409, daħlet fis-seħħ fil-15 ta’ Frar 2010.

7 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/147 jipprovdi li: “[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha [li għalihom din id-direttiva hija applikabbli] fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali”.

8 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“1. Fid-dawl tal-ħtiġiet msemmija fl-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippreżervaw, imantnu jew jistabbilixxu mill-ġdid diversità u żoni ta’ ambjent naturali suffiċjenti għall-ispeċi kollha tal-għasafar [inkwistjoni].

2. Il-preżervazzjoni, iż-żamma u l-istabbiliment mill-ġdid tal-bijotopi u l-ambjent naturali għandhom jinkludu primarjament il-miżuri li ġejjin:

(a) kreazzjoni ta’ żoni ta’ protezzjoni;

(b) żamma u l-iżvilupp bi qbil mal-bżonnijiet ekoloġiċi tal-ambjent naturali ġewwa u barra ż-żoni ta’ protezzjoni;

[...]”

*Ir-Regolament Nru 1305/2013*

9 Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2014.

10 Il-premessi 24 u 56 tiegħu huma redatti kif ġej:

“(24) L-appoġġ għandu jibqa’ jingħata lill-bdiewa u lis-silvikulturisti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi fiż-żoni kkonċernati b’riżultat tal-implimentazzjoni tad-[Direttiva 2009/147] u d-[Direttiva 92/43] u sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000 filwaqt li l-appoġġ għandu jkun disponibbli wkoll

għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni idrografiċi b'riżultat tal-implimentazzjoni tad-[Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275)]. [...]

[...]

(56) L-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ għall-miżuri tal-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba l-l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur agrikolu, dawk id-dispożizzjonijiet tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-miżuri tal-iżvilupp rurali li jikkonċernaw l-operazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 42 TFUE, u li jitwettqu taħt u f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew għal pagamenti magħmula mill-Istati Membri, intiżi biex jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għal operazzjonijiet ta' żvilupp rurali li għalihom jingħata l-appoġġ tal-Unjoni [Ewropea] u li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 42 TFUE."

11 It-Titolu I tar-Regolament Nru 1305/2013, intitolat "Objettivi u Strateġija", jinkludi *inter alia* l-Artikolu 1 tiegħu, intitolat "Suġġett", li jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw l-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ("il-FAEŻR") [...]; Huwa jistabbilixxi l-objettivi li għalihom għandha tikkontribwixxi l-politika ta' żvilupp rurali u l-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Huwa jiddeskrivi l-kuntest strateġiku tal-politika ta' żvilupp rurali u jiddefinixxi l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex tiġi implimentata l-politika ta' żvilupp rurali. Barra minnhekk huwa jistabbilixxi regoli dwar l-ipprogrammar, in-netwerking, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni abbażi tar-responsabbiltajiet kondiviżi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni [Ewropea] u r-regoli biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-FAEŻR mal-istrumenti l-oħrajn tal-Unjoni."

12 It-Titolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Ipprogrammar", jinkludi *inter alia* l-Artikolu 6 tiegħu, intitolat "Programmi ta' żvilupp rurali", li jipprovdi:

"1. Il-FAEŻR għandu jaġixxi fl-Istati Membri permezz ta' programmi ta' żvilupp rurali. Dawk il-programmi għandhom jimplimentaw strateġija għall-iżvilupp rurali li tilħaq il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali permezz ta' sett ta' miżuri kif definiti fit-Titolu III. Appoġġ mill-FAEŻR għandha tintalab għall-kisba tal-objettivi ta' żvilupp rurali taħt il-mira permezz tal-prijoritajiet tal-Unjoni.

2. Stat Membru jista' jippreżenta jew programm wieħed għat-territorju kollu tiegħu jew sett ta' programmi reġjonali. Alternittivament f'każijiet ġustifikati kif xieraq, huwa jista' jippreżenta programm nazzjonali u sett ta' programmi reġjonali. [...]

3. L-Istati Membri li jkollhom programmi reġjonali jistgħu jippreżentaw ukoll qafas nazzjonali, [...] li jkun fih elementi komuni għal dawn il-programmi mingħajr allokazzjoni baġitarja separata.

L-oqfsa nazzjonali tal-Istati Membri bi programmi reġjonali jista' jkun fihom ukoll tabella li tqassar, skont ir-reġjun u skont is-sena, il-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR lill-Istat Membru kkonċernat għall-perijodu kollu ta' programmar."

13 It-Titolu III tal-imsemmi regolament, intitolat "Appoġġ għall-Iżvilupp Rurali", jelenka fil-Kapitolu I tiegħu, ġabra ta' miżuri li fosthom tidher b'mod partikolari dik prevista fl-Artikolu 30 tal-istess regolament, intitolat "Pagamenti skont Natura 2000 u d-[Direttiva 2000/60]", li l-paragrafi 1, 2 u 6 tiegħu huma redatti kif ġej:

"1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata kull sena għal kull ettaru ta' żona agrikola jew għal kull ettaru ta' foresta sabiex jingħata kumpens lill-benefiċjarji għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżulta minn żvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, b'rabta mal-implimentazzjoni tad-[Direttiva 92/43], u d-Direttiva [2009/147] u d-Direttiva [2000/60].

[...]

2. L-appoġġ għandu jingħata lil bdiewa u lil silvikulturisti privati u assoċjazzjonijiet ta' silvikulturisti privati. F'każijiet debitament ġustifikati, jista' jingħata lil persuni oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-artijiet.

[...]

6. Iż-żoni li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti:

(a) żoni agrikoli u tal-foresti tan-Natura 2000 identifikati skont id-Direttivi [92/43] u [2009/147];

(b) żoni oħra delimitati ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għal biedja jew foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [92/43], dment li dawk iż-żoni, skont il-programm ta' żvilupp rurali, ma jaqbżux 5 % taż-żoni identifikati tan-Natura 2000 koperti bl-ambitu territorjali tiegħu;

[...]"

14 It-Titolu VIII tar-Regolament Nru 1305/2013, intitolat "Dispożizzjonijiet dwar il-Kompetizzjoni", jinkludi, *inter alia*, l-Artikoli 81 u 82 tiegħu.

15 Fi kliem l-Artikolu 81 ta' dan ir-regolament, intitolat "Għajnuna mill-Istat":

"1. Sakemm mhux previst mod ieħor skont dan it-Titolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE għandhom japplikaw għal appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Istati Membri.

2. L-Artikoli 107, 108 u 109 TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti magħmula mill-Istati Membri skont, u f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew għal finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 82, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE."

16 L-Artikolu 82 tal-imsemmi regolament, intitolat "Finanzjament nazzjonali addizzjonali", jipprovdi:

"Il-ħlasijiet li saru mill-Istati Membri fir-rigward tal-operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE u intenzjonati li jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali li għalih jingħata l-appoġġ tal-Unjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perijodu ta' programmar, għandhom jiġu inklużi mill-Istati Membri fil-programm għall-iżvilupp rurali [...] u, fejn ikunu konformi mal-kriterji skont dan ir-Regolament, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni."

*Ir-Regolament Nru 702/2014*

17 Ir-Regolament Nru 702/2014 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014.

18 Il-premessi 16 u 60 ta' dan ir-regolament huma redatti kif ġej:

"(16) Għajnuna mogħtija lill-impriżi f'diffikultà għandha tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, minħabba li għajnuna bħal din għandha tiġi evalwata skont il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà [...] jew il-Linji Gwida suċċessuri tagħhom sabiex tiġi evitata ċ-ċirkumvenzjoni tagħhom, [...]

[...]

(60) Il-foresterija hija parti integrali mill-iżvilupp rurali. Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat lill-impriżi attivi fis-settur tal-forestrija f'għadd ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari fil-qafas tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u tal-forestrija 2007 sa 2013. [...] Fid-dawl tal-esperjenza konsiderevoli miksuba mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dawk il-Linji Gwida għal impriżi attivi fis-settur tal-forestrija, bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċeduri filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati superviżjoni u monitoraġġ tal-Kummissjoni effiċjenti, huwa xieraq li l-Kummissjoni tuża wkoll is-setgħat mogħtija lilha mir-Regolament (KE) Nru 994/98 [tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali] fir-rigward ta' għajnuna favur is-settur tal-forestrija. Skont l-esperjenza tal-Kummissjoni għajnuna mogħtija lis-settur tal-forestrija għal miżuri li huma parti mill-programmi ta' żvilupp rurali u li tkun jew kofinanzjata mill-FAEŻR jew inkella mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal tali miżuri kofinanzjati ma toħloqx xi distorsjonijiet sinifikanti għall-kompetizzjoni fis-suq intern. [...] Kundizzjonijiet ċari għall-kumpatibilità ta' miżuri bħal dawn mas-suq intern għandhom jiġu definiti f'dan ir-Regolament. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti sa fejn huwa possibbli mar-regoli stabbiliti fir-Regolament [Nru 1305/2013] u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dak ir-Regolament."

19 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 702/2014, li jagħmel parti mill-Kapitolu I tiegħu, jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament japplika għall-kategoriji ta' għajnuna li ġejjin:

[...]

(e) għajnuna favur il-forestrija.

[...]

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal għajnuna favur:

(a) is-settur tal-forestrija li mhuwiex kofinanzjat mill-FAEŻR jew għajnuna mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawn it-tip ta' miżuri kofinanzjati, [...]

[...]

6. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal għajnuna lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta':

(a) għajnuna li tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali [...], għajnuna għall-ispejjeż tal-qerda tal-mard tal-annimali [...] u l-għajnuna għat-tneħħija u l-qerda ta' bhejjem mejta [...]

(b) għajnuna għall-avvenimenti li ġejjin sakemm l-impriża sfat impriża f'diffikultà minħabba telf jew danni kkawżati mill-avveniment inkwistjoni:
   (i) għajnuna bħala kumpensa għat-telf ikkawżat minn avveniment klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali [...]
   (ii) għajnuna għall-ispejjeż tal-qerda tal-pesti tal-pjanti u bħala kumpens għad-dannu kkawżat minn dak il-mard tal-annimali jew dawk il-pesti tal-pjanti [...]
   (iii) għajnuna għar-restawr ta' danni lil foresti minħabba nirien, diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jkunu assimilati ma' diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi oħra, pesti tal-pjanti, avvenimenti katastrofiċi u avvenimenti relatati mat-tibdil fil-klima [...]"

20 Il-punt 14 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, li jagħmel ukoll parti mill-Kapitolu I tiegħu, jiddefinixxi l-espressjoni "impriża f'diffikultà" kif ġej:

"'impriża f'diffikultà' tfisser impriza li fir-rigward tagħha tinqala' mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (għajr [impriża żgħira jew ta' daqs medju (SME)] li ilha teżisti għal anqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt ikun għeb b'riżultat ta' telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u l-elementi l-oħra kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) jwassal għal ammont kumulat negattiv li jeċċedi nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. [...]

[...]"

### *Id-dritt Latvjan*

*Il-Liġi dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi u tal-Habitats*

21 Is-Sugu un biotopu aizsardzības likums (il-Liġi dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi u tal-Habitats), tas-16 ta' Marzu 2000 (*Latvijas Vēstnesis*, 2000, Nru 121/122), tinkludi l-Artikolu 10, intitolat "Dritt tal-proprjetarji jew tal-utenti tal-artijiet għal kumpens", li l-paragrafu 2 tiegħu jipprovdi "[i]l-proprjetarji tal-artijiet għandhom dritt għall-kumpens previst fil-leġiżlazzjoni għal-limiti imposti fuq l-attivitajiet ekonomiċi fil-mikroriżervi".

*Il-Liġi dwar l-Iżvilupp Agrikolu u Rurali*

22 Il-Lauksaimniecības un lauku attīstības likums (il-Liġi dwar l-Iżvilupp Agrikolu u Rurali) tas-7 ta' April 2004 (*Latvijas Vēstnesis*, 2004, Nru 64), tinkludi l-Artikolu 5 li l-paragrafi 4, 7 u 8 tiegħu huma redatti kif ġej:

"4. Il-modalitajiet tal-għoti ta' għajnuna mill-Istat u [mill-Unjoni] għall-agrikoltura u l-modalitajiet tal-għoti tal-għajnuna mill-Istat u [mill-Unjoni] għall-iżvilupp rurali u tas-sajd huma ddeterminati mill-Kunsill tal-Ministri. [...]

[...]

7. Il-Kunsill tal-Ministri jistabbilixxi l-modalitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat u [mill-Unjoni] għall-agrikoltura u tal-għajnuna mill-Istat u [mill-Unjoni] għall-iżvilupp rurali u tas-sajd.

8. Il-Kunsill tal-Ministri jiddetermina l-modalitajiet ta' ġestjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, tal-[FAEŻR] u tal-Fond Ewropew għas-Sajd, kif ukoll l-kompetenzi u d-dmirijiet tal-awtoritajiet li jintervjenu fil-ġestjoni ta' dawn il-fondi."

*Il-Liġi dwar il-Kumpens għal-Limiti Imposti fuq l-Attivitajiet Ekonomiċi fiż-Żoni Protetti*

23 Il-Likums "Par kompensāciju par saimnieciskās darbības ierobežojumiem aizsargājamās teritorijās" (Il-Liġi dwar il-Kumpens għal-Limiti Imposti fuq l-Attivitajiet Ekonomiċi fiż-Żoni Protetti) tal-4 ta' April 2013 (*Latvijas Vēstnesis*, 2013, Nru 74), tipprovdi, fl-Artikolu 2(3) tagħha li "[i]l-ħlas ta' għajnuna annwali għal-limiti imposti fuq l-attivitajiet ekonomiċi fil-mikroriżervi jista' jingħata skont il-proċeduri previsti mir-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna għall-iżvilupp agrikolu ffinanzjata mill-fondi [tal-Unjoni] korrispondenti."

24 Din il-liġi tipprovdi wkoll, fl-Artikolu 4(2) tagħha, li "[i]l-kumpensi mħallsa mill-fondi [tal-Unjoni] huma rregolati skont ir-regoli dwar l-għoti ta' għajnuna [mill-Unjoni]."

*Id-Digriet Nru 171/2015*

25 Il-Ministru kabineta noteikumi Nr. 171 "par valsts un Eiropas Savienības atbalsta piešķiršanu, administrēšanu un uzraudzību vides, klimata un lauku ainavas uzlabošanai 2014.–2020. gada plānošanas periodā" (id-Digriet Nru 171 tal-Kunsill tal-Ministri dwar l-Għoti, il-Ġestjoni u l-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat u mill-Unjoni Ewropea Intiżi għat-Titjib tal-Ambjent, tal-Klima u tal-Pajsaġġ Rurali matul il-Perijodu ta' Programmazzjoni 2014-2020) tas-7 ta' April 2015 (*Latvijas Vēstnesis*, 2015, Nru 76, iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 171/2015"), li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 5(4) u (7) tal-Liġi dwar l-Iżvilupp Agrikolu u Rurali, jipprovdi, fil-punt 1 tiegħu:

"Dan id-digriet jistabbilixxi l-modalitajiet tal-għoti, tal-ġestjoni u tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u [mill-Unjoni] għall-iżvilupp rurali, b'mod partikolari inostenn tal-miżuri ta' titjib tal-ambjent u taż-żoni naturali implimentati skont:

1.1. [i]r-Regolament [Nru 1305/2013];

[...]

1.8. [i]r-Regolament [Nru 702/2014].

[...]"

26 Il-punt 2 tad-Digriet Nru 171/2015 jistipula:

"L-appoġġ għall-iżvilupp rurali għat-titjib tal-ambjent, tal-klima u tal-pajsaġġ rurali għandu jingħata għall-miżuri li ġejjin [...]:

[...]

2.3. Pagamenti taħt Natura 2000 u d-Direttiva [2000/60] għall-attività Ħlas ta' kumpens għaż-żoni forestali Natura 2000 [...]

[...]

2.6. Għoti ta' għajnuna fil-kuntest tal-attività 'Ħlas ta' kumpens għaż-żoni forestali Natura 2000'.

[...]"

27 Skont il-punt 56 tad-Digriet Nru 171/2015:

"Is-superfiċji eliġibbli hija żona forestali (bl-esklużjoni taż-żoni tal-pit):

56.1. li tinsab fil-lista ta' żoni [Natura 2000] skont l-Artikolu 30(6)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013 [...]

56.2 li tinsab f'mikroriżerva skont l-Artikolu 30(6)(b) tar-Regolament Nru 1305/2013, barra min-network Natura 2000 jew, jekk is-sistema ta' protezzjoni Natura 2000 ma tiżgurax il-konservazzjoni ta' speċi jew ta' biotope, f'żona Natura 2000, u l-mikroriżerva hija ddeterminata skont il-leġiżlazzjoni dwar il-modalitajiet tal-ħolqien u tal-ġestjoni ta' mikroriżervi, il-konservazzjoni tagħhom u d-determinazzjoni tal-mikroriżervi u taż-żoni ta' lqugħ tagħhom.

[...]"

28 Il-punt 61 ta' dan id-digriet jipprovdi:

"Sabiex jibbenefika minn għajnuna, l-applikant għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

[...]

61.6. skont il-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 702/2014, is-sitwazzjoni fil-15 ta'Ġunju tas-sena kurrenti ma tkun ippermettiet li tiġi kkonstatata ebda waħda mill-karatteristiċi ta' impriża f'diffikultà previsti mil-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-modalitajiet ta' ġestjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, tal-[FAEŻR] u tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u kif ukoll għajnuna mogħtija mill-Istat u [mill-Unjoni] favur l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u s-sajd matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2014 2020."

*Id-Digriet Nru 599 tat-30 ta' Settembru 2014*

29 Il-Ministru kabineta noteikumi Nr. 599 "par Eiropas Lauksaimniecības garantiju fonda, Eiropas Lauksaimniecības fonda lauku attīstībai, Eiropas Jūrlietu un zivsaimniecība fonda, kā arī par valsts un Eiropas Savienības atbalsta lauksaimniecībai un lauku un zivsaimniecības attīstībai finansējuma administrēšanu 2014.–2020. gada plānošanas periodā" (id-Digriet Nru 599 tal-Kunsill tal-Ministri dwar il-Ġestjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u l-Ġestjoni tal-Għajnuna Mogħtija mill-Istat u l-Unjoni Ewropea Favur l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u s-Sajd Matul il-Perijodu ta' Programmazzjoni 2014 2020) tat-30 ta' Settembru 2014 (*Latvijas Vēstnesis*, 2014, Nru 200), li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 5(7) sa (9) tal-Liġi dwar l-Iżvilupp Agrikolu u Rurali, jipprovdi, fil-punt 53 tiegħu:

"Skont il-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 702/2014, id-Dipartiment għall-Għajnuna Rurali ma għandu jagħti l-ebda għajnuna jekk, meta ssir l-applikazzjoni għall-għajnuna għal miżuri li jinvolvu l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk l-applikant jirriflettix l-istatus ta' impriża f'diffikultà, l-applikant għall-għajnuna jkollu tal-inqas waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

53.1 iktar minn nofs il-fondi proprji ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata (minbarra impriża żgħira jew ta' daqs medju li ma tkunx ilha iktar minn tliet snin stabbilita) ma jkunx baqa' jeżisti wara telf akkumulat, meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat tar-riżervi u tal-elementi l-oħra kollha ġeneralment meqjusa bħala li jaqgħu taħt il-fondi proprji tal-kumpannija jwassal għal ammont akkumulat negattiv li jeċċedi nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt, inklużi l-primjums tal-ħruġ [...]

[...]"

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

30 Piltenes meži huwa proprjetarju ta' foresta ta' superfiċji ta' madwar 500 ettaru, li fiha tinsab żona li għandha l-istatus ta' mikroriżerva, fis-sens tal-leġiżlazzjoni Latvjana li ttrasponiet id-Direttiva 2009/147. Din il-mikroriżerva nħolqot mill-awtorità Latvjana kompetenti bil-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-serduk selvaġġ (*Tetrao urogallus*), li huwa speċi ta' għasfur selvaġġ.

31 F'data mhux speċifikata, Piltenes meži ressqet talba għal għajnuna għas-sena 2015 quddiem id-Dipartiment għall-Għajnuna Rurali, li permezz tagħha hija talbet l-għoti ta' pagament intiż sabiex jingħata kumpens għall-ispejjeż u għat-telf tad-dħul li jirriżultaw mill-eżistenza tal-imsemmija mikroriżerva.

32 Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Ġunju 2016, ikkonfermata b'deċiżjoni tal-25 ta' Lulju tal-istess sena, id-Dipartiment għall-Għajnuna Rurali ċaħad din it-talba għal għajnuna, minħabba li l-leġiżlazzjoni Latvjana applikabbli kienet teskludi li tali pagament seta' jingħata lil impriża f'diffikultà u minħabba li, f'dan il-każ, Piltenes meži kellha tiġi kklassifikata bħala tali, sa fejn l-eżami tar-rapport annwali tagħha għas-sena 2014 wera li t-telf tagħha kien jirrappreżenta iktar minn 50 % tal-kapital azzjonarju tagħha.

33 Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Marzu 2017, l-administratīvā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja) laqgħet ir-rikors ippreżentat minn Piltenes meži kontra dawn iż-żewġ deċiżjonijiet.

34 Permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru 2017, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), adita fl-appell, ċaħdet it-talba għal għajnuna ppreżentata minn Piltenes meži billi bbażat ruħha, essenzjalment, fuq ir-raġunament li ġej. Qabelxejn, hija kkonstatat li l-pagament mitlub ma kienx intiż li jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-Istat jew minn awtorità territorjali, iżda minn riżorsi ta' fond tal-Unjoni, jiġifieri l-FAEŻR. Sussegwentement, hija rrilevat li, konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-FAEŻR u l-leġiżlazzjoni Latvjana li timplimentaha, dawn il-fondi għandhom jiġu amministrati u allokati lill-impriżi filwaqt li jiġu osservati r-regoli tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Fl-aħħar nett, hija osservat li dawn ir-regoli jipprovdu li l-għoti ta' għajnuna bħal dik mitluba f'dan il-każ hija eskluża fil-każ fejn il-persuna li tressaq it-talba tkun impriża f'diffikultà.

35 Piltenes meži resqet appell minn din is-sentenza, li fl-ambitu tiegħu hija kkontestat, b'mod partikolari, l-evalwazzjonijiet li skonthom, minn naħa, il-pagament li hija kienet talbet li tingħata kellu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat u, min-naħa l-oħra, tali għajnuna mill-Istat ma setgħetx tingħata lil impriża f'diffikultà.

36 Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja) tistaqsi, essenzjalment, dwar il-portata u l-artikolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tagħhom id-diversi leġiżlazzjonijiet Latvjani applikabbli għat-tilwima adita biha huma intiżi li jiżguraw l-implimentazzjoni, filwaqt li rrilevat li ż-żewġ qrati li ħadu konjizzjoni ta' din it-tilwima fl-ewwel istanza u fl-appell adottaw pożizzjonijiet differenti fuq dan il-punt.

37 Hija tistaqsi b'mod iktar partikolari, fl-ewwel lok, jekk għajnuna intiża sabiex tindennizza jew tikkumpensa l-ispejjeż u t-telf ta' dħul li jirriżultaw mill-eżistenza, f'żoni forestali li ma jagħmlux parti min-network Natura 2000, ta' mikroriżervi maħluqa bil-għan li jikkontribwixxu sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ispeċi ta' għasafar selvaġġi previsti mid-Direttiva 2009/147 tistax titqies bħala għajnuna li taqa' taħt l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013.

38 Hija tippreċiża b'mod partikolari li din l-għajnuna tista' titqies li tikkostitwixxi r-riżarċiment jew il-kumpens għal limitazzjoni imposta fuq id-dritt għall-proprjetà u fuq id-dritt li tiġi eżerċitata attività ekonomika tal-persuni kkonċernati, bil-għan li tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni ambjentali, iktar milli għajnuna mill-Unjoni jew għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) iddeċidiet f'dan is-sens f'sentenza tad-19 ta' Marzu 2014.

39 Sa fejn tali għajnuna, li ma hijiex intiża li tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-Istat, iżda mir-riżorsi li jirriżultaw minn fond tal-Unjoni, taqa' taħt l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tieni lok, jekk l-għoti tagħha jistax ikun suġġett għall-kundizzjoni li l-persuni li jitolbu li jibbenefikaw minnha ma jkunux impriżi f'diffikultà, kif il-Kummissjoni eżiġiet fl-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament Nru 702/2014.

40 Hija tqis f'dan ir-rigward li, anki jekk huwa leġittimu li l-Kummissjoni fittxet li tippreżerva r-riżorsi tal-Unjoni u li tiżgura l-aħjar użu tagħhom billi imponiet tali kundizzjoni, ir-Regolament Nru 702/2014 xorta waħda huwa vvizzjat b'difett essenzjali sa fejn din l-istituzzjoni ma wettqitx ibbilanċjar jew, minn tal-inqas, ma żguratx bilanċ ġust bejn l-għanijiet li mfittxija mill-Kummissjoni, minn naħa, u d-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità, min-naħa l-oħra. Fil-fatt, b'differenza mill-persuni l-oħra kollha li fuqhom hija imposta limitazzjoni legali u ekonomika bi skop

ambjentali, l-impriżi f'diffikultà jkunu inġustament imċaħħda, għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tagħhom, mill-benefiċċju tar-riżarċiment jew tal-kumpens li huma jistgħu jitolbu.

41 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-pagamenti għall-mikroriżervi maħluqa fiż-żoni tal-foresti sabiex jitwettqu l-għanijiet tad-Direttiva [2009/147] jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament [Nru 1305/2013]?

2) L-għoti ta' kumpens dovut għall-mikroriżervi maħluqa sabiex jitwettqu l-għanijiet tad-Direttiva [2009/147] huwa suġġett għar-restrizzjonijiet dwar il-pagamenti lill-impriżi f'diffikultà previsti bir-Regolament [702/2014]?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

42 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandux jiġi interpretat, fid-dawl b'mod partikolari tal-paragrafu 6 tiegħu, fis-sens li għajnuna mitluba abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta bil-għan li jitwettqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147 taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 30.

43 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, jipprovdi li għajnuna tista' tingħata kull sena għal kull ettaru ta' superfiċji agrikolu jew għal kull ettaru ta' foresta, sabiex jingħata kumpens lill-benefiċjarji, fiż-żoni kkonċernati, għall-ispejjeż addizzjonali u t-telf ta' dħul sostnut minħabba żvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43, 2000/60 u 2009/147.

44 Barra minn hekk, il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu 30 jipprovdi, rispettivament fil-punti (a) u (b) tiegħu, li ż-żoni li huma eliġibbli għal pagamenti abbażi ta' tali għajnuna jinkludu, minn naħa, iż-żoni agrikoli u forestali Natura 2000 innominati skont id-Direttivi 92/43 u 2009/147 kif ukoll, min-naħa l-oħra, iż-żoni naturali protetti l-oħra li magħhom hemm marbuta restrizzjonijiet ambjentali li jolqtu l-attività agrikola jew forestali u li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ direttivi.

45 F'dan il-każ, mill-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju kif ukoll mill-affermazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju miġbura fil-qosor fil-punti 30, 31 u 37 ta' din is-sentenza jirriżulta li ż-żona kkonċernata mit-talba għal għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija mikroriżerva li nħolqot bil-għan li tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ, iżda f'foresta li ma tagħmilx parti min-network Natura 2000.

46 Manifestament, tali żona ma hijiex eliġibbli, skont l-Artikolu 30(6)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013, għal pagament abbażi tal-għajnuna prevista f'dan l-Artikolu 30. Fil-fatt, l-imsemmi Artikolu 30(6)(a) jipprevedi tali eliġibbiltà fir-rigward biss ta' żoni agrikoli u forestali, fis-sens ta' dan ir-regolament jew, fejn applikabbli, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata

konformement miegħu, li jinsabu f'żoni Natura 2000 innominati abbażi tad-Direttivi 92/43 u 2009/147 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-234/20, EU:C:2022:56, punti 27, 33, 35 u 37).

47 Minn dan isegwi li żona li ma tagħmilx parti min-network Natura 2000, bħaż-żona inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista', fi kwalunkwe każ, tkun eliġibbli għal tali pagament biss skont l-Artikolu 30(6)(b) tar-Regolament Nru 1305/2013.

48 Madankollu, il-kliem ta' din id-dispożizzjoni ma jippermettix, fih innifsu, li jiġi ddeterminat jekk u, jekk ikun il-każ, taħt liema kundizzjonijiet dan jista' jkun hekk.

49 Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija dispożizzjoni għandha tiġi interpretata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, flimkien mal-kliem tagħha, il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2005, VEMW *et*, C-17/03, EU:C:2005:362, punt 41, u tal-21 ta' Jannar 2021, Il-Ġermanja vs Esso Raffinage, C-471/18 P, EU:C:2021:48, punt 81).

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, l-ewwel, li ż-żoni li huma eliġibbli, skont l-Artikolu 30(6)(b) tar-Regolament Nru 1305/2013, għal pagament abbażi tal-appoġġ previst f'dan l-Artikolu 30 huma ż-żoni naturali protetti, minbarra dawk li jagħmlu parti min-network Natura 2000, li magħhom hemm marbuta restrizzjonijiet ambjentali li jolqtu l-attività agrikola jew forestali u li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43.

51 Minn dan jirriżulta li l-eliġibbiltà ta' dawn iż-żoni għal tali pagament hija suġġetta, minn naħa, għall-kundizzjoni li ż-żona kkonċernata tkun żona naturali protetta li magħha hemm marbuta restrizzjonijiet ambjentali li jolqtu l-attività agrikola jew forestali.

52 F'dan il-każ, mill-affermazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju msemmija fil-punt 45 ta' din is-sentenza jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq, iż-żona inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa din il-kundizzjoni sa fejn tikkostitwixxi żona naturali li magħha hemm marbuta restrizzjonijiet ambjentali li jolqtu l-attività forestali. B'mod iktar preċiż, dawn l-affermazzjonijiet juru li din iż-żona hija mikroriżerva li nħolqot mill-awtorità nazzjonali kompetenti f'foresta li ma tagħmilx parti min-network Natura 2000, bil-għan li tikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ, u li l-eżistenza tagħha twassal għal spejjeż kif ukoll telf ta' dħul għall-persuna li hija proprjetarja ta' din il-foresta.

53 Min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 30(6)(b) tar-Regolament Nru 1305/2013 jirriżulta li ż-żona li abbażi tagħha tintalab għajnuna u r-restrizzjonijiet ambjentali marbuta ma' din iż-żona għandhom jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43.

54 F'dan il-każ, huwa, *inter alia*, dwar il-portata ta' din il-kundizzjoni li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, u dan skont kif jirriżulta mill-kliem li fihom hija fformulata l-ewwel domanda magħmula minnha u mill-affermazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju miġbura fil-qosor fil-punt 37 ta' din is-sentenza.

55 It-tieni, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43, li għalih jirreferi l-Artikolu 30(6)(b) tar-Regolament Nru 1305/2013, jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li, bil-għan, b'mod partikolari, li tittejjeb il-koerenza ekoloġika tan-network Natura 2000, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jinkoraġġixxu l-ġestjoni ta' elementi tal-pajsaġġ li huma ta' importanza kbira għall-fawna u l-flora selvaġġi. Huwa jippreċiża wkoll, fit-tieni paragrafu tiegħu, li dawn l-elementi huma dawk li,

mill-istruttura lineari u kontinwa tagħhom jew ir-rwol tagħhom ta' waqfiet ta' kollegament bejn post u ieħor, huma essenzjali għall-migrazzjoni, għad-distribuzzjoni ġeografika u għall-iskambju ġenetiku tal-ispeċi selvaġġi.

56 Dan l-Artikolu 10 jawtorizza għalhekk lill-Istati Membri jadottaw miżuri intiżi sabiex itejbu l-koerenza ekoloġika tan-network Natura 2000, kif jipprovdi wkoll l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 92/43.

57 Issa, minn dan l-Artikolu 3(1) jirriżulta li dan in-network għandu l-għan li jinkludi mhux biss "żoni speċjali ta' konservazzjoni" habitats naturali u habitats ta' speċi ta' annimali jew ta' pjanti elenkati rispettivament fl-Anness I u fl-Anness II ta' din id-direttiva, iżda wkoll "żoni speċjali ta' protezzjoni" kklassifikati mill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni ta' speċi ta' għasafar selvaġġi skont id-Direttiva 79/409, li issa ġiet issostitwita bid-Direttiva 2009/147.

58 Minn dan isegwi li l-miżuri li l-Istati Membri huma awtorizzati jadottaw skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43, bil-għan li tittejjeb il-koerenza ekoloġika tan-network Natura 2000, jistgħu jirrigwardaw kemm l-habitats li jaqgħu taħt id-Direttiva 92/43 kif ukoll l-ispeċi ta' għasafar selvaġġi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2009/147, filwaqt li jiġi osservat li, f'din l-aħħar ipoteżi, dawn il-miżuri jkunu intiżi sabiex jikkompletaw il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2009/147.

59 F'dan il-każ, mill-affermazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju msemmija fil-punti 45 u 52 ta' din is-sentenza jirriżulta li, bla ħsara għall-verifiki li l-qorti tar-rinviju għandha twettaq, dan huwa l-għan tal-mikroriżerva inkwistjoni fil-kawża prinċipali u tar-restrizzjonijiet ambjentali li jolqtu l-attività forestali marbuta ma' din il-mikroriżerva, sa fejn il-ħolqien ta' din tal-aħħar u l-istabbiliment ta' dawn ir-restrizzjonijiet huma intiżi jikkontribwixxu sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-serduk selvaġġ (*Tetrao urogallus*), li huwa speċi ta' għasfur selvaġġ li jaqa' taħt id-Direttiva 2009/147.

60 It-tielet, l-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 jippreċiża, kif tfakkar fil-punt 43 ta' din is-sentenza, li l-għajnuna li għaliha tirreferi din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tikkumpensa lill-benefiċjarju tagħha, fiż-żona kkonċernata, għall-ispejjeż addizzjonali u għat-telf tad-dħul sostnut minħabba żvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43, 2000/60 u 2009/147.

61 Mill-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li din l-għajnuna tista' tingħata, b'mod partikolari, fil-każ fejn żona eliġibbli għal pagament skont l-Artikolu 30(6) tar-Regolament Nru 1305/2013 tkun suġġetta għal żvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147, kif esponew kemm il-Gvern Latvjan kif ukoll il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.

62 L-imsemmija għajnuna tista' għalhekk tingħata lil tali żona kemm fil-każ fejn din tkun suġġetta għal żvantaġġi li jirriżultaw minn miżura nazzjonali ta' protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ li ġiet adottata skont id-Direttiva 2009/147 kif ukoll fil-każ fejn din il-miżura ġiet adottata skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43, kif irrilevat fil-punt 58 ta' din is-sentenza.

63 Ir-raba', l-għan ġenerali ta' sostenn strateġiku għall-iżvilupp rurali mfittex mir-Regolament Nru 1305/2013, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament, huwa b'mod partikolari kkonkretizzat, kif jirriżulta mill-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament u mit-Titolu III tiegħu, li

għalih din id-dispożizzjoni tal-aħħar tirreferi, permezz tal-possibbiltà, mogħtija lill-Istati Membri, li jadottaw sensiela ta' miżuri intiżi li jissodisfaw il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

64 Fost dawn il-miżuri hemm l-għajnuna prevista fl-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013, li l-għan speċifiku tagħha huwa, kif tindika l-premessa 24 ta' dan ir-regolament, li tagħti lill-bdiewa u lill-amministraturi tal-foresti għajnuna li tippermettilhom jaffaċċjaw, fiż-żoni kkonċernati, l-iżvantaġġi speċifiċi dovuti għall-implimentazzjoni tad-direttivi tal-Unjoni li jiżguraw il-protezzjoni tal-habitats naturali, tal-habitats ta' speċi tal-annimali u tal-pjanti, ta' dawn l-ispeċi stess u kif ukoll tal-ilma.

65 Dan l-għan, li huwa fformulat f'termini li ma jeskludu *a priori* ebda tip ta' żvantaġġ li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' waħda minn dawn id-direttivi, juri b'mod ċar li l-għajnuna prevista fl-imsemmi Artikolu 30 tista' tingħata, b'mod partikolari, fil-każ fejn tali żvantaġġi jirriżultaw mill-implimentazzjoni, fiż-żona li fiha din l-għajnuna hija mitluba, ta' restrizzjonijiet ambjentali li jolqtu l-attività agrikola jew forestali u li huma intiżi sabiex jikkontribwixxu sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' speċi ta' għasfur selvaġġ li jaqa' taħt id-Direttiva 2009/147, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn ir-restrizzjonijiet joriġinawx minn miżura nazzjonali adottata abbażi ta' din id-direttiva stess jew abbażi tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43.

66 Għaldaqstant, l-imsemmi għan jikkorrobora l-interpretazzjoni tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament Nru 1305/2013 li toħroġ mid-diversi elementi ta' natura testwali u kuntestwali analizzati fil-punti 50 sa 62 ta' din is-sentenza.

67 Barra minn hekk, sa fejn il-qorti tistaqsi, kif jirriżulta mill-affermazzjonijiet riprodotti fil-qosor fil-punt 38 ta' din is-sentenza, dwar il-konsegwenzi legali li jista' jkun hemm lok li jinsiltu min-natura riżarċimentali jew kumpensatorja ta' għajnuna bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni dwar l-għoti ta' għajnuna pubblika, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu bħala għan, kif indikat fil-punti 43 u 60 ta' din is-sentenza, li jippermetti l-għoti ta' għajnuna intiża sabiex tikkumpensa l-bdiewa u l-amministraturi ta' foresti għall-ispejjeż u għat-telf ta' dħul li huma jsostnu minħabba żvantaġġi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43, 2000/60 u 2009/147. Għalhekk, in-natura riżarċimentali jew kumpensatorja ta' din l-għajnuna tirriżulta mill-iskop stess tagħha, kif intiż mil-leġiżlatur tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Marzu 2017, Lingurár, C-315/16, EU:C:2017:244, punti 26 u 28, u tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-234/20, EU:C:2022:56, punt 43), u ma tistax, għalhekk, tqiegħed f'dubju l-klassifikazzjoni tagħha ta' għajnuna li tista' tingħata abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-FAEŻR.

68 Min-naħa l-oħra, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din in-natura riżarċimentali jew kumpensatorja bl-ebda mod ma teskludi li tali għajnuna tista' barra minn hekk tiġi kklassifikata, sa fejn hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat, bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-238/20, EU:C:2022:57, punti 40 u 52).

69 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat, fid-dawl b'mod partikolari tal-paragrafu 6 tiegħu, fis-sens li għajnuna mitluba abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147 taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 30.

*Fuq it-tieni domanda*

70 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 702/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa eskluż li tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern għajnuna mitluba abbażi tar-Regolament Nru 1305/2013, abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, minn impriża f'diffikultà.

71 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, preliminarjament, li l-għajnuna li fir-rigward tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 702/2014 hija għajnuna li ġiet mitluba skont l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013. Għalhekk din hija għajnuna li hija prevista minn leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri dik dwar il-FAEŻR.

72 Madankollu, din l-għajnuna hija intiża li tingħata lill-persuni li jitolbu li jibbenefikaw minnha mhux direttament mill-Unjoni, iżda permezz tal-Istati Membri u skont programmi ta' żvilupp rurali ppreżentati minnhom u approvati mill-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 6(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1305/2013 u kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat kemm fir-rigward ta' dan ir-regolament u kif ukoll fir-rigward tar-regolament li huwa ħassar u ssostitwixxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Marzu 2017, Lingurár, C-315/16, EU:C:2017:244, punt 21, u tas-6 ta' Ottubru 2021, Lauku atbalsta dienests (Għajnuna sabiex jiġu stabbiliti impriżi agrikoli), C-119/20, EU:C:2021:817, punti 54 sa 56).

73 Dan il-mekkaniżmu jikkostitwixxi huwa stess ir-rifless tat-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li, skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, jistruttura l-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-FAEŻR (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Lauku atbalsta dienests (Għajnuna sabiex jiġu stabbiliti impriżi agrikoli), C-119/20, EU:C:2021:817, punt 57), filwaqt li huwa ppreċiżat li dan l-appoġġ jista' jieħu l-forma mhux biss ta' finanzjament mill-baġit tal-Unjoni, iżda wkoll ta' finanzjament addizzjonali li joriġina mir-riżorsi tal-Istat.

74 Kif jirriżulta mill-punt 68 ta' din is-sentenza, dan il-finanzjament addizzjonali jista' jiġi kklassifikat, fid-dawl tal-oriġini statali tar-riżorsi li huma assenjati fih, bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti. Tali klassifikazzjoni twassal hija stess għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, sakemm, f'każ partikolari, l-imsemmi finanzjament ma jkunx jikkonċerna operazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE, f'liema każ dan ikun eżenti minn dawn id-dispożizzjonijiet, skont l-Artikolu 81(2) tar-Regolament Nru 1305/2013.

75 Fir-rigward tal-finanzjament miksub mill-baġit tal-Unjoni, għandu jiġi rrilevat li mill-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 u mill-premessa 56 ta' dan ir-regolament, li fid-dawl tagħha għandha tinqara din id-dispożizzjoni, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni wkoll li jissuġġetta dan il-finanzjament għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 sa 109 TFUE, ħlief jekk dan ikun jikkonċerna operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE, kif stipulat fl-Artikolu 81(2) tal-imsemmi regolament.

76 Din l-għażla leġiżlattiva, li hija intiża, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tal-istess regolament, sabiex tiggarantixxi l-koordinazzjoni bejn il-FAEŻR u l-istrumenti l-oħra tal-Unjoni, għandha l-konsegwenza li tissuġġetta, fl-intier tagħha, l-għajnuna għall-iżvilupp rurali kkofinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat u ta' riżorsi miksuba mill-baġit tal-Unjoni għad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

77 Fost dawn id-dispożizzjonijiet hemm b'mod partikolari dawk tar-Regolament Nru 702/2014, li tagħhom il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni sabiex tkun taf, essenzjalment, jekk għajnuna li ntalbet minn impriża f'diffikultà abbażi tal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013, minħabba mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, taqax taħt is-sistema ta' eżenzjoni stabbilita minn dan ir-regolament.

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li r-Regolament Nru 702/2014 għandu bħala għan, kif jirriżulta mit-titolu tiegħu stess, li jiddikjara kompatibbli mas-suq intern ċerti kategoriji ta' għajnuna individwali mogħtija fis-settur agrikolu, fis-settur forestali u fiż-żoni rurali, kif ukoll, konsegwentement, li jeżentahom mill-obbligu ġenerali ta' notifika previst fl-Artikolu 108(3) TFUE, sakemm din l-għajnuna individwali tosserva l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti minn dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2021, Azienda Sanitaria Provinciale di Catania, C-128/19, EU:C:2021:401, punt 47).

79 Regolament ta' eżenzjoni ta' din in-natura ma jeskludix li għajnuna individwali partikolari, li taqa' taħt waħda mill-kategoriji li huwa jelenka mingħajr madankollu ma tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern abbażi ta' dan ir-regolament ta' eżenzjoni, tkun tista' madankollu tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern wara eżami speċifiku, sakemm din l-għajnuna tkun ġiet innotifikata minn qabel lill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punti 57, 59, 86 u 87, u tal-20 ta' Mejju 2021, Azienda Sanitaria Provinciale di Catania, C-128/19, EU:C:2021:401, punt 42).

80 Madankollu, f'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li tali notifika minn qabel saret.

81 Fit-tieni lok, mill-Artikolu 1(1)(e) tar-Regolament Nru 702/2014, moqri flimkien mal-paragrafu 3(a) ta' dan l-Artikolu 1 u ċċarat mill-premessa 60 ta' dan ir-regolament, jirriżulta li l-eżenzjoni implimentata mill-imsemmi regolament tapplika għall-għajnuna favur il-forestrija, inkluża dik ikkofinanzjata mill-FAEŻR.

82 Ir-Regolament Nru 702/2014 għalhekk japplika, b'mod partikolari, għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 u, b'mod partikolari, għal għajnuna li tintalab, skont din id-dispożizzjoni, abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, bħalma hija l-għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

83 Minn dan isegwi li, sabiex tkun tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont ir-Regolament Nru 702/2014 u tibbenefika mill-eżenzjoni prevista minn dan ir-regolament, tali għajnuna għandha tosserva l-kundizzjonijiet kollha li għalihom dan jissuġġetta din id-dikjarazzjoni ta' kompatibbiltà.

84 Issa, dawn il-kundizzjonijiet jinkludu, skont l-Artikolu 1(6) tal-imsemmi regolament, dik li tipprovdi li l-applikant għal tali għajnuna ma għandux ikun impriża f'diffikultà, bla ħsara għad-diversi eċċezzjonijiet li l-ebda waħda minnhom ma ġiet indikata, fid-deċiżjoni tar-rinviju, bħala li hija rilevanti fl-ambitu tat-tilwima tal-kawża prinċipali, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

85 Barra minn hekk, mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża f'diffikultà" li tinsab fl-Artikolu 2(14) tal-istess regolament jirriżulta li dan il-kunċett jinkludi, b'mod partikolari, il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata li jkunu tilfu iktar minn nofs il-fondi tagħhom stess wara telf akkumulat,

kriterju li huwa dak li abbażi tiegħu l-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat li tagħti l-għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif jirriżulta mill-affermazzjonijiet tad-deċiżjoni tar-rinviju miġbura fil-qosor fil-punt 32 ta' din is-sentenza.

86 Minn dan jirriżulta li r-Regolament Nru 702/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li għajnuna favur il-forestrija u, b'mod iktar partikolari, għajnuna li ntalbet abbażi tal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013, minħabba mikroriżerva maħluqa f'foresta bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, minn impriża f'diffikultà fis-sens tal-imsemmi Artikolu 2(14), ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern abbażi tar-Regolament Nru 702/2014.

87 Fir-raba' u l-aħħar lok, sa fejn il-qorti tar-rinviju tidher li għandha dubji dwar il-validità ta' din l-esklużjoni fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità, kif jirriżulta mill-affermazzjonijiet miġbura fil-qosor fil-punt 40 ta' din is-sentenza, għandu jiġi osservat, qabelxejn, li l-analiżi tar-Regolament Nru 702/2014 turi li l-imsemmija esklużjoni ma hijiex ibbażata fuq l-għan ta' preżervazzjoni tar-riżorsi tal-Unjoni, li din il-qorti tistaqsi jekk ġiex indebitament ipprivileġġat bi ħsara għal dan id-dritt u għal dawn iż-żewġ prinċipji ġenerali.

88 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 16 ta' dan ir-regolament, li tiċċara l-iskop tal-esklużjoni tal-impriżi f'diffikultà mill-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita mill-imsemmi regolament, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmija fil-punt 84 ta' din is-sentenza, din l-esklużjoni hija intiża sabiex tiggarantixxi li l-għajnuna kollha li tintalab minn tali impriżi tiġi eżaminata, b'mod esklużiv u koerenti, fid-dawl ta' numru ta' regoli proċedurali u sostantivi speċifiċi, li ġew stabbiliti bil-għan preċiż li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod adegwat, is-sitwazzjoni partikolari ta' dawn l-impriżi. L-imsemmija esklużjoni għandha għalhekk bħala għan uniku u bħala konsegwenza unika, mhux li tipprojbixxi b'mod ġenerali lil impriżi f'diffikultà milli jingħataw għajnuna favur il-forestrija, peress li għall-kuntrarju tali possibbiltà tibqa' disponibbli għalihom, filwaqt li ta' dawn ir-regoli jiġu osservati, iżda li tirrendi inapplikabbli r-Regolament Nru 702/2014 għal din l-għajnuna meta din tintalab minn dawn l-impriżi.

89 Sussegwentement, għandu jiġi osservat li l-imsemmija regoli huma intiżi huma stess sabiex jiggarantixxu li l-għajnuna li tista' tingħata lil impriżi f'diffikultà tosserva l-kundizzjonijiet li jippermettu li din l-għajnuna tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, filwaqt li jitfakkar li l-għoti ta' tali għajnuna ma jikkostitwixxix dritt li jibbenefikaw minnu l-impriżi, peress li l-għoti ta' għajnuna mill-Istat huwa, bħala prinċipju, ipprojbit mit-Trattat FUE, iżda fakultà offruta lill-awtoritajiet pubbliċi, fil-każijiet fejn din l-għajnuna ssegwi wieħed mill-għanijiet ta' interess komuni msemmija fl-Artikolu 107(3) TFUE u tosserva l-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni applikabbli. Minn dan isegwi, b'mod partikolari, li, filwaqt li huma awtorizzati jagħtu għajnuna kkofinanzjata mill-FAEŻR abbażi tal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013, l-Istati Membri ma humiex obbligati li jagħmlu dan, iżda għandhom, għall-kuntrarju, marġni ta' diskrezzjoni għal dan il-għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2021, Lauku atbalsta dienests (Għajnuna sabiex jiġu stabbiliti impriżi agrikoli), C-119/20, EU:C:2021:817, punt 56; tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-234/20, EU:C:2022:56, punti 40 u 66, u tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-238/20, EU:C:2022:57, punt 36).

90 B'dan premess, dan il-marġni ta' diskrezzjoni għandu jiġi eżerċitat fil-limiti tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2017, Lingurár, C-315/16, EU:C:2017:244, punt 18) u filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara,

b'analoġija, fir-rigward tal-għoti ta' finanzjamenti li jistgħu jiġu akkordati abbażi tal-fondi tal-Unjoni minbarra l-FAEŻR, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2022, Zinātnes parks, C-347/20, EU:C:2022:59, punt 61).

91 Fl-aħħar nett, f'dan ir-rigward, it-trattament speċifiku rriżervat għall-impriżi f'diffikultà mir-Regolament Nru 702/2014 ma jistax jitqies, fih innifsu, li jista' jikser id-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17 tal-Karta jew il-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

92 Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, peress li d-dritt għall-proprjetà ma jikkostitwixxix prerogattiva assoluta, l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun is-suġġett, fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, ta' restrizzjoni ġġustifikata minn għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, bħal dik li tirriżulta minn miżura nazzjonali adottata għal finijiet ta' protezzjoni tan-natura u tal-ambjent skont id-Direttivi 92/43 jew 2009/147, mingħajr madankollu ma l-persuna li d-dritt għall-proprjetà tagħha jkun is-suġġett ta' tali restrizzjoni jkollha f'kull każ tingħata kumpens u, b'mod iktar partikolari, għajnuna abbażi tal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-234/20, EU:C:2022:56, punti 62 sa 66, u tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S, C-238/20, EU:C:2022:57, punti 32 sa 36). B'dan premess, fil-każ fejn miżura nazzjonali adottata għal finijiet ta' protezzjoni tan-natura u tal-ambjent skont id-Direttivi 92/43 jew 2009/147 ikollha l-effett li twassal għal telf fil-valur tal-art ikkonċernata, b'tali mod li tkun tammonta għal ċaħda ta' proprjetà, il-proprjetarju ta' din l-art ikollu, fid-dawl tal-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dritt għal kumpens, konformement mal-Artikolu 17 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Pesce *et*, C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:428, punti 85 u 86).

93 Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-impriżi li d-dritt għall-proprjetà tagħhom huwa s-suġġett ta' restrizzjoni li tirriżulta minn miżura nazzjonali adottata għal finijiet ta' protezzjoni tan-natura u tal-ambjent skont id-Direttivi 92/43 jew 2009/147 jistgħu jingħataw għajnuna li l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern tiddependi minn kundizzjonijiet li huma differenti skont jekk humiex f'diffikultà jew le huwa ġġustifikat mid-differenza fis-sitwazzjoni li fiha jinsabu dawn iż-żewġ kategoriji ta' impriżi fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

94 Fil-fatt, fid-dawl tad-diffikultajiet ekonomiċi jew finanzjarji li dawn l-impriżi qegħdin jesperjenzaw, huwa ġġustifikat li l-eżami tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna li tista' tingħatalhom ikun suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi, li jippermettu li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet tagħhom u l-effetti li dawn jista' jkollhom (ara, b'analoġija, fir-rigward tal-inapplikabbiltà għall-impriżi f'diffikultà ta' regolament ta' eżenzjoni minbarra r-Regolament Nru 702/2014, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2022, Zinātnes parks, C-347/20, EU:C:2022:59, punti 46 sa 49 u 57).

95 Barra minn hekk, ma jidhirx li l-inapplikabbiltà tal-eżenzjoni prevista mir-Regolament Nru 702/2014 għall-impriżi f'diffikultà tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità. Fil-fatt, indipendentement min-natura adegwata tagħha, li tirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza, hija ma tistax titqies li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li hija tfittex sa fejn, kif ġie indikat fil-punti 79 u 88 ta' din is-sentenza, hija ma tipprekludix li dawn l-impriżi jingħataw għajnuna għall-forestrija jew għajnuna għall-impriżi f'diffikultà sakemm tali għajnuna tosserva l-kundizzjonijiet previsti mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat li huma applikabbli għall-imsemmija impriżi.

96 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 702/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa eskluż li għajnuna mitluba abbażi tar-Regolament Nru 1305/2013, minħabba mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, minn impriża f'diffikultà, fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 702/2014, tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, skont ir-Regolament Nru 702/2014.

**Fuq l-ispejjeż**

97 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi interpretat, fid-dawl b'mod partikolari tal-paragrafu 6 tiegħu, fis-sens li għajnuna mitluba abbażi ta' mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 30.**

2) **Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna, fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali, kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-[TFUE], għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa eskluż li għajnuna mitluba abbażi tar-Regolament Nru 1305/2013, minħabba mikroriżerva maħluqa f'foresta sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/147, minn impriża f'diffikultà, fis-sens tal-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 702/2014, tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, skont ir-Regolament Nru 702/2014.**

Firem